TRIBUNAL GHAT-TALBIET TAL-KONSUMATURI

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

CCT/300/11/S

Tarcisio Mizzi

Vs

Melita plc

Illum 4 ta'Jannar, 2012.

It-Tribunal,

Ra t-talba ta' Tarċisio Mizzi datata 6 ta'Lulju,2011 u r-risposta tas-soċjeta Melita plc datata 12 ta'Settembru,2011;

Ra d-dokumenti ppreżentati, sema' lill-partijiet u r-rappreżentanti tagħhom kif ukoll it-trattazzjoni tal-partijiet magħmula fil-25 ta'Novembru,2011;

Illi jingħad li din is-sentenza ma ingħatatx fil-15 ta'Diċembru,2011 minħabba li l-'file' ma kienx ingħata lill-Arbitru għad-deċiżjoni tiegħu;

Ikkunsidra

Illi fi ftit kliem din il-pendenza tirrigwarda talba għall-ħlas lura ta' 'converter' fejn skont ir-rikorrent dan kien inxtara filwaqt li s-soċjeta intimata tikkontendi li l-'converter' jibqa' proprjeta tagħha u dak imħallas mir-rikorrent kienet il-miżata tal-installazzjoni;

Illi jingħad mal-ewwel li l-iskrittura mmarkata bħala Dok TM1 titkellem ċar fejn għandu jirregola r-relazzjoni kummerċjali bejn il-partijiet;

Illi klawsola 6.1 tistipula li l-apparat stallat mis-soċjeta intimata jibqa' proprjeta tagħha;

Illi r-rikorrent kien żbaljat meta ħaseb li kien qed iħallas għal 'converter' meta l-iskrittura li hu stess iffirma tgħid mod ieħor;

Illi dipiu 'converter' żgur li jiswa' aktar minn dak li r-rikorrent ħallas;

Illi l-klawsola 8.7 tad-dokument anness Dok TM1 titkellem fuq x'jiġri meta jkun hemm depożitu fil-kont tal-klijent u ġiet ukoll applikata fil-każ odjern;

Għaldaqstant għar-raġunijiet fuq spjegati u fiċ-ċirkostanzi tal-każ u wara li ra id-dokumenti ppreżentati Dok TM1 u Dok TM2, it-Tribunal Jaqta' u Jiddeċiedi billi Jiċħad it-talba tar-rikorrent Tarcisio Mizzi u Jilqa' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta Melita plc, bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri jitħallsu mir-rikorrent Tarcisio Mizzi.

Richard Sladden Av.
Arbitru

47A, TRIQ NOFS IN-NHAR, VALLETTA VLT 1101 - MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888